MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Numru 13/2006

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Mario Borg**

**Il-Qorti:**

**i.** Dan hu appell minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ Jannar ta’ din is-sena. Permezz tal-imsemmija sentenza dik il-Qorti irrespingiet eccezzjoni preliminari sollevata mill-akkuzat Borg, liema eccezzjoni kienet tghid testwalment hekk:

**"Illi kull prova ta' identifikazzjoni tal-akkuzat li ngiebet mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-Istruttorja inkluz u senjatament l-*identification parade* li nzammet fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, hija prova inammissibbli peress illi tali identifikazzjonijiet ma sarux skond il-ligi."**

**ii.** Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Kriminali rrespingiet din l-eccezzjoni[1], u dana wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi l-akkuzat ghamel riferenza ghall-numru ta' sentenzi li skondu jirregolaw il-materja tal-*identification parades* u senjatament l-appelli kriminali (superjuri): **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb"** [2.6.2005]; **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Giuseppe sive Joseph Cassar"** [22.3.1988]; **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs Marco Pace"** [7.11.2002] u l-appelli kriminali inferjuri **"Il-Pulizija vs. Stephen Zammit"** [16.7.1998] u l-**"Il-Pulizija vs. Leading Stewart Victor Dalmas"** [13.5.1961].

"Id-difiza ukoll issottomettiet li l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jaghti linji gwida u ta' prattika bazati fuq il-ligi Ingliza u senjatament li x-xhud ma jigix suggestjonat; li n-nies li jiehdu parti fl-*identification parades* ghandhom ikunu jixbhu lil xulxin u tal-istess tul. Hawn pero` kien hemm gharab u membri tad-*drug squad* kif jidher mir-ritratti esebiti. Di piu` issa hemm l-intervent legizlattiv. L-artikolu 74 tal-*Police Act* [2] jiddisponi li l-*identification parade* ikun irid jigi kondott minn magistrat pero` ma jidhirx li saru r-regolamenti. Il-Magistrat irid jara li ma jkun hemm "*no suggestion or outside influence*". Din il-Qorti trid tara jekk dak li sar jirrendix tali *identification parades* inammissibbli. Il-gurisprudenza giet varjata f'dan is-sens.

"Illi l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-gurisprudenza baqghet l-istess, imma hija l-procedura li nbidlet. Allura jigi

[1] Il-Qorti Kriminali fl-istess sentenza astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra originarjament sollevati mill-akkuzat peress li l-istess akkuzat, tramite d-difensur tieghu, irtirahom fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2006.

[2] Kap. 164.

li l-Magistrat ikun kiser il-ligi w mhux il-Pulizija jekk l-affarijiet ma sarux sew. Il-Qorti riedet tara jekk sarx ksur tal-ligi.

“Ikkonsidrat:

“Illi l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li biex issir il-prova ta’ l-identita` ta’ persuna li ghandha tigi maghrufa mhux mehtieg bhala regola li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, hlief meta l-Qorti, f’xi kaz partikolari, jkun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja.

“Illi l-insenjament tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali *in subiecta materia* kemm f’kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati kif ukoll minn sentenzi tal-Qorti Kriminali, jinsab migbur magisterjalment fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’Malta vs. Mark Pace”** [7.11.2002] li partijiet minnha gew ukoll citati *in extenso* mill-istess Qorti fl-appell kriminali: **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb”** [2.6.2005]. F’dawn iz-zewg sentenzi saret riferenza ghas-sentenza tal-istess Qorti (sede inferjuri) preseduta mill-Onor.Imhallef (illum Prim Imhallef) Dr. V. De Gaetano fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Stephen Zammit”.** Din il-Qorti thoss li ma tistax taghmel ahjar milli ticcita *verbatim* dak li ntqal fil-kaz ta’ **Mark Pace** ghax hu ferm rilevanti ghall-kaz odjern:-

*““Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), ‘il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid **x'mhux mehtieg** u mhux **x'inhu mehtieg**". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*

"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-

persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".

*““Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat* in extenso*. Hija fil-fatt qalet:*

"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act*, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz,

jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

“Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:”

*‘… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously*

*encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition’* ;

“Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

*‘First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*‘Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*‘Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be*

*reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*'All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)*'*.

*""Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar*** *moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), 'skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja* identification parade'*. Hija qalet:*

"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs *Leading Steward* Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu' o meno ta' l-istess eta' u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';

"M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs Parks* ((1961) I.W.L.R. 1484) *'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'* u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re* Il-Maesta` Taghha r-Regina vs Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali

ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati *miscarriages of justice*'.

*""Fil-kaz in dizamina l-appellant jippretendi li l-prova ta' l-*identification parade *kellha tigi skartata kompletament. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali, inkluzi d-depozizzjoniiet tax-xhieda, id-dokumenti esebiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Minn dak li rrizultalha m'hemm l-ebda dubju li l-prekawzjonijiet li l-pulizija kellha tiehu biex jigu osservati dawk il-kriterji hawn fuq imsemmija ghall-*identification parade *li saret u li fiha kien inkluz l-appellant* <u>*ma ttihdux*</u>*. Harsa lejn ir-ritratti ta' din l-*identification parade *(Dok. CM1 esebiti mill-Ispettur Carmelo Magri fit-18 ta' Dicembru 1998 fl-atti tal-kumpilazzjoni) turi li l-persuni l-ohra nkluzi f'din il-*parade *kienu* <u>*differenti ferm*</u> *fil-fizjonomija taghhom mill-appellant, u dan apparti l-fatt li kollha, ghajr l-appellant, kienu membri fil-korp tal-pulizija meta l-identifikazzjoni kienet qed issir minn membru tal-korp, u cioe` P.C. 1594 Brian Caruana. Dan pero` ma jfissirx li l-identification parade in kwistjoni tista' tigi dikjarata bhala "illegali" stante li m'hemm l-ebda ligi li tirregola din il-procedura.* <u>*Ifisser biss li l-procedura li ntuzat tinficja fuq l-attendibilita` ta' din il-prova mehuda wahedha*</u>*. U dan kollu gie spjegat tajjeb lill-gurati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu. Huwa spjega f'dawn it-termini:*

"Il-kritika tad-difiza - u kienet kritika gusta … kienet il-mod u l-metodu ta' kif saret l-*identification parade* - fejn inti ghandek persuna li suppost ser taghraf lil xi hadd, u din tigi murija tmienja min-nies - fosthom wiehed biss bid-daqna, b'sinjal evidenti allura tikkorrobora jew taqbel mad-deskrizzjoni li kien ta qabel il-P.C. Caruana - u dan jaghraf lil din il-persuna; ma kellux xelta ohra dan hlief li jaghraf lil dik il-persuna - pero` ftakru li dejjem qabel kien gharfu mir-ritratti. Ghal dik li hija metodu ta' *identification parade*, jista' jaghti l-kaz, kif qal Dr. Farrugia, ma gewx segwiti certu … *guidelines*. Pero` mill-banda l-ohra tridu tkunu tafu sinjuri gurati li hawn Malta ma hemm ebda ligi, ma hemm ebda regoli li ghandhom forza ta' ligi, kif jew meta ghandha ssir *identification parade*…. Illum il-pulizija

ghandhom f'idejhom certu *guidelines* mahrugin mill-pulizija stess … fejn preferibilment meta ssir *identification parade* dawk il-*guidelines* ghandhom jigu segwiti - per ezempju ghandek jekk inti ser taghmel *line-up* ta' nies, kemm jista' jkun dawk in-nies ghandhom ikunu jixxiebhu kemm minn dik li hija statura, xebh, apparenza, ecc. *Guidelines* li wara kollox johorgu mis-sens komun … jigifieri mhijiex haga tajba illi f'*identification parade* ssir xi haga illi dak li jkun kwazi qed tissuggerilu kif ghandu jirrispondi …. Allura dawn il-*guidelines* qeghdin hemm sinjuri gurati biex preferibilment jigu segwiti u allura ma jinholoqx dawn ic-certu kritiki li smajna llum - pero` l-kritika tieghu kienet fl-opinjoni tieghi wahda gusta ghax veru f'dan il-kaz il-metodu tal-*identification parade* forsi kienet daqsxejn nieqsa minn dak li suppost wiehed kellu jippretendi, pero` l-kwistjoni ma tiqafx hemm sinjuri gurati.

“Diga` ghidtilkom li ma tezisti ebda ligi f'Malta li timponi kif jew meta ghandha ssir l-*identification parade* - u jekk *I.D. parade* ma ssirx jew jekk *I.D. parade* ma ssirx skond il-kriterju li hemm, bhalma hija forsi fil-kaz tallum, ma jfissirx li forsi dik l-*I.D. parade* hija illegali, hazina, ma tistax toqghod fuqha, jekk toqoghdx fuqha jew le dika mbaghad intom araw - intom araw - ikkritikaw, intom ser taraw jekk dik l-*identification parade* bhala prova twassalkomx x'imkien, mhux hix nulla jew illegali jew hazina, jekk dik l-*I.D. parade* twassalkomx x'imkien. Pero` nerga' nghid ma tistghux intom tikkonsidraw il-prova tal-*identification parade* wahedha hekk minghajr ma tikkonsidraw cirkostanzi u provi ohra - bhac-cirkostanzi li semmejt qabel tar-ritratti. Jekk … ghall-grazzja ta' l-argument il-provi tal-prosekuzzjoni kienu limitati biss jew huma bbazati biss fuq din l-identification parade allura hemm hekk intom tridu taraw dik l-*identification parade* wahedha sa fejn tista' twassal - pero` jekk minbarra din l-*identification parade* hemm provi ohra, diretti, indiretti, allura tridu tikkonsidrawha flimkien mal-provi l-ohra; jekk intomx ser taccettawha bhala prova li twassal x'imkien dik hija haga f'idejkom. Imma anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument taqblu mad-difiza li dik l-*identification parade* ma tistax tistrieh fuqha bhala prova, ma tiqfux hemm sinjuri gurati, araw il-provi l-ohra".

*““In effetti l-*identification parade *ma kenitx l-unika prova dwar identifikazzjoni, kif donnu jrid jaghti x'jifhem l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. Difatti l-*identification parade *ma kenitx l-ewwel stadju fil-process ta' identifikazzjoni. Jirrizulta li P.C. 1594 Brian Caruana, ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, kien diga` identifika lill-akkuzat minn fuq ritratti wara li kien gie muri ktieb kontenenti numru kbir ta' ritratti ta' diversi persuni li jkunu gew investigati mill-pulizija. L-*identification parade *saret wara li l-appellant gie arrestat in segwitu ghall-identifikazzjoni li ghamel l-istess P.C. 1594 Brian Caruana minn fuq ir-ritratti. Dwar din l-identifikazzjoni a bazi tar-ritratti l-appellant ma jghid xejn fir-rikors ta' appell tieghu”.”*

“Ikkonsidrat;

“Illi l-artikolu 648 (gja art. 644) tal-Kodici Kriminali ghadu kif kien abbozzat originarjament u ma giex effettwat bl-emendi kataklizmici tal-Kodici li saru f’dawn l-ahhar snin. Issa hu minnu li s-sentenzi fuq citati jirreferu ghall-kawzi dwar kazijiet li avverraw ruhom qabel l-emendi li saru ghall-*Police Act* (1961) bl-Att XIII tas-sena 2002.

“B’dawk l-emendi gie mizjud l-artikolu 74 li jiddisponi hekk:-

**“(1) Meta ufficjal investigatur ikun jixtieq jaghmel xi parata ta’ l-identita` jew identifikazzjoni ta’ oggetti, dawn ghandhom isiru minn Magistrat li ghandu jiehu dawk il-passi li jkunu jizguraw li ma jkunx hemm ebda suggeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf lill-persuna jew l-oggett.**

**“(2) Il-Ministru jista’ jaghmel regolamenti ghall-ghemil ta’ parata ta’ identifikazzjoni.**

“Illi ma jirrizultax li saru xi regolamenti simili, w ghalhekk, ghajr li l-ligi issa tesigi li “*identification parade*” issir taht il-kontroll ta’ Magistrat, ma jidhirx li gew introdotti xi kriterji godda mandatorji li jridu jigu segwiti *“ad validitatem”* u ghalhekk ghadha tapplika l-gurisprudenza fuq citata ghal

dak li jirrigwarda il-prekawzjonijiet li kellhom jittiehdu f' dan il-kaz mill-ufficjali investigaturi w del resto mill-Magistrat.

"Ikkonsidrat:

"Issa fil-kaz odjern, minn ezami "prima facie" tal-provi fl-istadju tal-Istruttorja, limitatament biex tkun tista' tigi deciza din l-eccezzjoni preliminari, jidher li wahda mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni – pero` mhux l-unika prova - li tirriferi ghall-identifikazzjoni tal-akkuzat, kienet proprju parata ta' identifikazzjoni. F'din il-parata ta' identifikazzjoni, li saret fil-prezenza tal-Magistrat tal-Inkjesta Dr. Consuelo Scerri Herrera, l-akkuzat tpogga f'zewg pozizzjonijiet differenti; l-ewwel fil-pozizzjoni numru seba' (7) mbaghad fil-pozizzjoni numru tlieta (3) kif jidher mill-fotografiji esebiti (doks. PF01 sa PF09 u doks PF10 sa PF 18 rispettivament a fols.41 sa 45 a tergo tal-process (Vol. I)) li ttiehdu minn PC 1525 Patrick Farrugia, li kien gie nominat mill-istess Magistrat biex jadempixxi dan l-inkariku. Mir-relazzjoni ta' dan l-espert fotografu (Fol. 39) jirrizulta li l-Magistrat kienet prezenti waqt il-parati u waqt li kienu qed jingibdu l-istess ritratti.

"Jirrizulta mbaghad li x-xhud Nilgum gharfet lill-akkuzat fiz-zewg pozizzjonijiet differenti li kien fihom. (Fol. 24). Mix-xiehda tal-Ispettur Nezren Grixti jirrizulta li z-zewg xhieda nisa Torok gharfu erba' darbiet lil istess akkuzat fl-erba' ID *parades* fejn kien hemm prezenti l-Magistrat tal-Ghassa (Fol. 171).

"Jirrizulta wkoll li z-zewg xhieda Nilgum u Melek kienu semmew persuna Maltija li kienu kkonsenjawlu xi droga fl-okkazzjoni precedenti meta kienu gew Malta flimkien f'Marzu, 2003, waqt li hu kien f'karozza ma' tfajla azjatika. Huma gharfu lil din il-persuna minn fost ghad ta' ritratti li gew murija mill-Pulizija w dan kien fil-pozizzjoni numru tminja (8). (Fol. 28 u Dok CSM 1 a fol. 29 u fol. 23 u 24).

"Meta xehdet fil-kompilazzjoni kontra l-akkuzat, ix-xhud **Meryem Nilgoun** (fols. 290 et seq.) gharfet lill-akkuzat bhala l-persuna li kien ghaddhielha zewg porzjonijiet tal-

ikel, zewg hamburgers u li kienet marret f'karozza bajda mieghu biex jakkompanjha halli tixtri xi medicina ghall-habiba taghha Kucuk u dak in-nhar hi tkellmet mall-gharusa tieghu li tigi mill-Asja. L-akkuzat kien ukoll ghaddhielha xi pilloli ghal Kucuk, par ingwanti w dizinfettant biex tnaddaf bih. Qalet ukoll (fol. 294) li hi kienet identifikat lill-akkuzat fost diversi ritratti li gew murija lilha mill-ufficjal prosekutur. Ghall-ewwel l-ispettur kien urieha erba' ritratti w l-akkuzat ma kienx wiehed minnhom. Wiehed minn dawn l-erba pero` kien jixbah lill-akkuzat. U hi qaltlu li ma kienetx certa jekk kienx hu. Xi saghtejn wara rat diversi ritratti ohra w identifikat lill-akkuzat lill-Ispettur fost dawn id-diversi ritratti. L-ispettur kien staqsieha x'jismu w qaltlu li ma tafx. Pero` qaltlu li gharfitu ghax kienet ratu darba, ghal xi hmistax ghoxrin minuta. Tiftakar ukoll li l-Pulizija kienet haditha biex tara *identification Parade* w kien hemm xi tminja jew ghaxra minn nies u hi kienet identifikat lill-akkuzat fost wiehed minnhom.

"Umbaghad, meta **Kucuk Melek** xehdet fil-kompilazzjoni kontra l-akkuzat (Fol. 310, Vol. III), qalet li kienet gharfet mall-ewwel lill-akkuzat meta wara li kienet ghamlet lejl l-isptar, marret fil-head quarters tal-Pulizija u hemm, kif rat lill-akkuzat *"coming up the lift …I immediately told the police officers that is the guy"* u *"There were three people coming out of the lift. He walked out of the lift and I immediately told the Inspector who was next to me this is the guy. He was not in handcuffs, he was on his own."* Xehdet ukoll li giet murija "*pictures and subsequently a live ID parade. There were eight men in this line up. I had only recognised the accused. I did not know the other people taking part in the ID parade. I had not seen them prior (Sic!). I identified the accused to the inquiring magistrate on the spot. I had not seen any picture of the accused however. I had gone to hospital and spent the night there."* Ghalhekk minn dan jidher li hija gharfet lill-akkuzat kemm qabel ma l-Pulizija urewha r-ritratti kif ukoll qabel l-ID *parade*.

"Ikkonsidrat;

"Li minn dawn il-provi jemergi ghall-inqas u dejjem "prima facie" li l-identifikazzjoni tal-akkuzat ma kienetx biss ir-rizultat tal-ID *Parade* biss imma li din kienet wahda minn sensiela ta' identifikazzjonijiet u cioe` wahda mill-ezami ta' numru ta' ritratti murija lil dawn iz-zewg persuni qabel mill-pulizija w, fil-kaz ta' Melek, ghax gharfitu meta ratu hiereg mill-lift meta marret id-Depot mill-Isptar. Dan apparti d-deskrizzjoni li dawn iz-zewg xhieda taw tal-car tal-akkuzat u ta-habiba tieghu azjatika, eccetera.

"Ikkonsidrat:

"Illi, fil-kors tat-trattazzjoni orali l-akkuzat qed jadduci bhala raguni biex tigi eliminata bhala inammissibbli kull prova dwar l-l-identifikazzjoni tal-akkuzat u senjatament l-identification parade, il-fatt li n-nies li hadu parti fiha ma kienux jixbhu lill-akkuzat, kienu persuni gharab jew membri tad-drug squad u ma kellhomx l-istatura w l-fizjonomija tieghu. Issa ghalkemm huwa minnu li l-persuni maghzula, hlief wiehed jew tnejn, kien ta' statura itwal mill-akkuzat, ma jistax jintqal li ma kienux tal-istess eta`, apparenza generali jew pozizzjoni socjali mir-ritratti esebiti.

"Pero` anki kieku kien minnu li l-ID *Parade* setghet, fit-termini ta' hin, nies disponibbli w restrizzjonijiet ohra, saret b' mod li jkun hemm nies ohra fiha tal-istess tul u fizjonomija tal-akkuzat, dan, fil-fehma tal-Qorti, la jirrendiha nulla u wisq u wisq inqas inammissibbli bhala wahda mill-provi tal-identifikazzjoni tal-akkuzat.

"Illi mbaghad ma saret ebda prova jew accenn ghal xi suggestjonament taz-zewg nisa torok meta dawn gew murija diversi ritratti mill-investigatur u dawn it-tnejn gharfu lill-akkuzat. Ghalhekk ukoll din il-Qorti ma tarax kif tista' a priori timpedixxi lill-Prosekuzzjoni milli tirriferi ghal xi prova ta' identifikazzjoni ta' dix-xorta waqt il-guri.

"Is-soluzzjoni tal-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hux dak li qed jitlob fil-hames eccezzjoni tieghu l-akkuzat. Imma, se mai, dak li johrog implicitament mill-gurisprudenza fuq citata w cioe` li l-Imhallef togat tal-Qorti

Kriminali fil-kors tal-guri, ghandu jwissi lill-gurati dwar il-perikoli insiti f'din it-tip ta' identifikazzjoni w cioe` li l-Imhallef togat "should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications." Illi anki jekk ghall-grazzja tal-argument, kien hemm xi mankanzi fl-*identification parades* li saru, ghax il-persuni l-ohra li hadu parti fihom ma kellhomx l-istess tul u/jew fizjonomija tal-akkuzat, dan ma jfissirx li dawn ghandhom jigu dikjarati bhala "illegali" stante li ma hemm ebda ligi li tirregola din il-procedura. Ifisser biss li l-procedura li setghet intuzat tista' tinficja fuq l-attendibilita` ta' din il-prova mehuda wahedha. Imma kif kien fil-kaz ta' Mark Pace, dejjem "prima facie" almenu, jidher li din il-prova ma kienetx l-unika prova dwar l-identifikazzjoni w ma kienetx l-ewwel stadju fil-process tal-identifikazzjoni, ghaliex Melek mal-ewwel gharfet lill-akkuzat meta kien hiereg mill-lift tal-Police GHQ u kemm Melek u Kucuk gharfu lill-akkuzat minn fost diversi ritratti li kienu gew murija qabel ma saret l-ID Parade, fejn ma rrizulta ebda element – dejjem s'issa u "prima facie" - ta' xi suggestjonament ta' dawn iz-zewg xhieda.

"Ghalhekk il-kwistjoni tal-attendibilita` tal-Identification Parades u kull mod ta' identifikazzjoni ohra li saret tal-akkuzat minn dawn iz-zewg xhieda f' dan il-kaz bhala prova kontra l-akkuzat trid tithalla f' idejn l-imhallfin tal-fatt u cioe' l-gurati, wara li dawn jigu mwissija u "directed" dwar il-guidelines li ghandhom jigu segwiti f'identifikazzjonijiet ta' persuni fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, mill-Imhallef togat, li ghandu wkoll jirrileva l-limitazzjonijiet umani f'kazijiet ta' identifikazzjoni w l-possibilta` ta' zbalji li jistghu jigru, imma daqshekk."

**iii.** Minn din is-sentenza, kif inghad, appella l-akkuzat Borg permezz ta' rikors intavolat fid-29 ta' Jannar 2007. L-aggravju ta' l-appellant huwa bazikament illi, ghalkemm huwa jaqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza lill-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali meta ma kienx ghad hemm l-Artikolu 74 tal-Kap. 164, issa, wara l-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni fil-Kap. 164 il-posizzjoni tbiddlet radikalment. Fi kliem l-istess appellant:

"Bl-introduzzjoni tal-Artikolu 74 tal-Police Act pero` il-posizzjoni legali…inbidlet fis-sens illi issa d-dispost tal-Ligi johloq zewg rekwiziti *sine qua non* illi jekk ma jigux osservati bl-aktar mod skrupoluz, jirrendu l-parata ta' l-identita` invalida u konsegwentement inammissibbli…[F]il-fehma ta' l-esponent f'kaz illi wiehed miz-zewg rekwiziti rikjesti ma jigux osservati, allura *identification parade* li tkun monka f'dan is-sens tkun wahda inammissibbli ghall-finijiet probatorji. Issa kif jidher mid-dicitura tal-istess Artikolu 74, ir-rekwizit[i] li ghandhom jigu osservati huma illi l-*identification parade* ghandha ssir minn Magistrat, u li l-Magistrat ghandu jizgura li tigi eliminata kull forma ta' suggestjoni [recte: suggeriment] jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf lill-persuna jew l-oggett mertu tal-parata. L-argument tal-esponent fil-kaz odjern huwa illi effettivament kien hemm suggestjoni [recte: suggeriment] u influwenza esterna maghmula fuq il-persuna/i li gew imsejjha sabiex taghraf lill-persuna (u dan minkejja dak ritenut mill-ewwel Qorti) u ghalhekk isegwi li t-tieni rekwizit rikjest mill-Artikolu 74 tal-Police Act ma giex osservat bil-konsegwenza legali illi l-parata ta' identifikazzjoni kienet invalida u konsegwentement inammissibbli ghaliex ma tosservax il-vot tal-ligi. Mill-atti processwali jirrizulta illi fil-parata in kwistjoni, apparti l-esponent, il-persuni l-ohra li hadu sehem kienu jew persuni gharab jew membri tal-Pulizija mit-taqsima tad-Drugs Sqaud li tabilhaqq kienet it-Taqsima li kienet qieghda tikkonduci l-investigazzjoni kemm kontra l-esponent kif ukoll kontra l-istess zewg persuni li gew imsejjha sabiex jaghmlu l-identifikazzjoni. Dan il-fatt fih innifsu fil-fehma umli tal-esponent huwa indikattiv jekk mhux konkluzziv illi effettivament kienet diga qieghda issir suggestjoni [recte: suggeriment] indiretta li kienet qieghda tippregudika lill-esponent."

**iv.** L-appellant, ghalhekk, talab li tintlaqa' l-eccezzjoni tieghu riprodotta fil-bidu ta' dan il-gudikat u f'dan is-sens tigi riformata s-sentenza appellata.

**v.** Din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2007, u wara li ddeliberat kameralment, tosserva s-segwenti:

1. L-Artikolu 648 jirreferi ghal identifikazzjoni fi u quddiem Qorti, filwaqt li l-Artikolu 74 jirreferi ghall-identifikazzjoni ta' oggett jew persuna fil-kors tal-investigazzjoni kondotta mill-pulizja – l-Artikolu 74 ma japplikax ghal meta l-investigazzjoni tkun qed tigi kondotta mill-Magistrat fil-kors ta' inkjesta dwar l-*in genere*. Fil-prattika, pero`, meta Magistrat li jkun titolari ta' tali inkjesta jkun tal-fehma li ghandha ssir "identification parade" ghall-finijiet ta' dik l-inkjesta, huwa mhux biss jikkonduciha hu, izda wkoll jassigura proprju li ma jkun sar xejn, anke jekk precedentement ghal dik il-parata minnu kondotta, li b'xi mod ikun jista' jammonta ghal suggeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tkun mitluba li tidentifika l-persuna l-ohra jew l-oggett. Din kienet il-prassi anke qabel l-introduzzjoni tal-Artikolu 74. Meta Magistrat jintebah li seta' kien hemm tali suggeriment jew influwenza, huwa jista' jew ma jikkonducix il-parata (u jivverbalizza r-raguni) jew – u din il-Qorti hi tal-fehma li din hija l-linja li ghandha tittiehed biex ebda interess ma jigi pregudikat – ghalkemm jikkonduciha, jivverbalizza fl-atti tal-inkjesta dak li huwa jkun irriskontra bhala li jista' jammonta ghal tali suggeriment jew influwenza.

2. Kif gie gustament osservat fis-sentenza appellata, u dan b'referenza ghal sentenzi ohra, inkluzi sentenzi barranin, il-problema tal-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett tqum biss f'certi kazijiet u mhux f'kollha. Din il-problema normalment tqum f'dawk il-kazijiet fejn il-persuna li qed tirreferi ghal persuna ohra ma tkunx tista' tippreciza min hi din il-persuna l-ohra ghax ma tkunx tafha, izda tfisser li tkun tista' tidentifikaha jekk taraha. L-istess jista' jinghad jekk il-persuna tkun qed tirreferi ghal oggett: ma tkunx tista' tippreciza liema kien dak l-oggett, izda tkun tista' tidentifikah jekk tarah. Hekk, per ezempju, jekk persuna insterqitilha l-karozza taghha, u din tinstab mill-pulizija piu` o meno shiha, hadd ma jghaddilu minn mohhu li trid issir, qabel ma l-kaz jitressaq il-Qorti, "identification parade" (skond l-Artikolu 74 jew xort' ohra)

minn fost karozzi tal-istess marka. Anke jekk il-karozza tkun giet zarmata jew kannibalizzata u jkun baqa' biss bcejjec minnha, jekk ikun hemm xi marka partikolari li sidha jista' jaghrafha minnha, ma hux il-kaz li ssir "identification parade". Kwantu ghall-identifikazzjoni ta' persuna, jekk, per ezempju, min ikun qed jaghmel id-denunzja jew il-kwerela, jew ikun qed jigi mitkellem mill-Pulizja bhala xhud potenzjali, jindika persuna b'isimha jew b'kunjomha, jew forsi bl-indirizz, ghax lil dik il-persuna jkun jafha, normalment ma jkunx hemm in-necessita` ta' "identification parade". U, s'intendi, jekk l-unika prova kontra persuna tkun tikkonsisti f'*identification evidence* jista' jkun hemm lok, dejjem skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghall-kawteli li ghalihom accennat il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata (b'referenza ghal sentenzi ohra).

3. Minn dan isegwi li "identification parade" hija indikata li ssir normalment f'dawk il-kazijiet meta tkun trid tigi assodata l-identita` ta' persuna jew ta' oggett bhala li kienet jew kien involut fl-incident, ossia fir-reat, li jkun qed jigi investigat. Naturalment, tali parata tista' wkoll tigi wzata biex tigi eliminata persuna, jew jigi eliminat oggett, bhala li kienet jew kien konness ma' reat. Fi kwalunkwe kaz dak li hu mehtieg hu li, safejn huwa umanament possibbli fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, ma jsirux zbalji.

4. Fil-fehma tal-Qorti, u fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni espressa li tipprovdi mod iehor[3], bl-Artikolu 74 tal-Kap. 164 il-legislatur ried semplicement isahhah il-valur probatorju ta' "identification parade" maghmula fil-kors ta' l-investigazzjoni kondotta mill-pulizija, filwaqt li fl-istess hin jipprova jassigura li ma jsirux zbalji jew ghall-anqas jimminimizza l-possibilita` ta' tali zbalji. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-Artikolu 74 imsemmi ma hux intiz biex is-sustanza tigi sagrifikata fuq l-altar tal-

[3] Ir-referenza li ghamel l-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara fil-kors tat-trattazzjoni ghall-"konsegwenzi" dixxiplinari jekk ufficjal tal-pulizija ma jottemperax ruhhu ma' l-Artikolu 74 hija ghal kollox irrelevanti ghall-meritu ta' din il-kawza. L-imsemmi avukat evidentement kien qed jirreferi ghall-Artikolu 66(3) tal-Kap. 164. Dana l-artikolu, pero`, jirreferi ghan-non-osservanza ta' *codes of practice* maghmula taht l-istess Artikolu 66, inkluz il-kodici fir-Raba' Skeda tal-Kap. 164.

formalizmu, izda biex il-forma – f'dan il-kaz il-presenza tal-Magistrat li jmexxi l-affarijiet – tiggarantixxi kemm jista' jkun is-sustanza.

5. Ghandu jinghad ukoll – u dan in vista ta' dak li l-appellant qed jitlob, cioe` li l-parata ta' identifikazzjoni kienet invalida u konsegwentement inammissibbli – li, hlief meta tali "identification parade" tkun tista' titqies bhala parti integrali tal-process verbal ghall-finijiet tal-Artikolu 550(1) tal-Kap. 9, jew meta x-xhud li jkun qed jidentifika l-persuna jew l-oggett jiddeponi fl-inkjesta[4] u d-deposizzjoni tieghu allura tkun taghmel prova in forza tal-Artikoli 549(4) u 646(2) tal-imsemmi Kap. 9, il-prova tal-identifikazzjoni maghmula permezz ta' min kien presenti ghall-identifikazzjoni (ez., f'dan il-kaz, l-Ispettur Nezren Grixti) hija proprjament xiehda fuq kliem haddiehor jew, kif inhi ahjar maghrufa, *hearsay evidence*. L-Ispettur Grixti jista' biss jghid li x-xhud (ez. Kucuc Melek) qalet li l-akkuzat kien il-persuna li kellha kuntatt mieghu; il-prova li verament kien l-akkuzat li mieghu kellha kuntatt tista' tigi jew minn min ra (jew forsi sema') l-kuntatt jew mill-istess Kucuc Melek jew, jekk ikun il-kaz, minn xi provi diretti jew indizzjarji ohra li ma jkunux *hearsay*. In fatti din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-"identification parade" bhala tali, ossia bhala procedura, tista' tigi dikjarata "invalida u…inammissibbli"; huwa se mai l-ezitu ta' dik il-procedura li, jekk ikun jirrizulta <u>li giet injorata ghal kollox jew sostanzjalment</u> id-disposizzjoni tal-Artikolu 74, jista' jigi dikjarat bhala inattendibbli u <u>f'dak il-kaz</u> ikun hemm id-direttiva appozita lill-gurati. Fil-kaz in dizamina, u kif gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jirrizulta, ghall-anqas *prima facie*, li l-Artikolu 74 gie osservat mhux biss formalment imma anke fis-sustanza. L-"identification parade" giet kondotta mill-Magistrat Consuelo Scerri-Herrera, ossia taht is-sorveljanza taghha; ma jirrizultax li hija rriskontrat xi irregolarita` fil-mod kif saret il-*line-up* jew li kien hemm, jew li kien sar precedentement, xi suggeriment jew influwenza esterna minhabba l-fatt li Melek u Nilgum kienu ntwerew is-sett

[4] Bhalma jidher li sar f'dan il-kaz minn Melek u Nilgum – fol. 23 u 24 tal-atti tal-process-verbal.

ritratti (ezibiti a fol. 29 tal-atti tal-process verbal) waqt li kienu qed jirrilaxxjaw l-istqarrija lill-pulizija – fatt, dan, li kien a konoxxenza tal-imsemmija Magistrat peress li kemm Melek kif ukoll Nilgum, meta xehdu quddiemha, ikkonfermaw l-istqarrijiet taghhom lill-pulizija fejn jissemmew dawn ir-ritratti.

6. Din il-Qorti zzid tghid li, indipendentement minn dak li setghet ikkonstatat (jew ma kkonstatatx) l-imsemmija Magistrat, mill-attijiet tal-kumpilazzjoni ma jirrizultax li kien hemm xi irregolarita` fil-mod kif saret l-"identification parade". Il-*line-up* jidher li kienet wahda ekwilibrata ghal dik li hija statura, karnaggjon u fattizi ohra. Il-fatt li xi whud mill-persuni fil-*line-up* kienu membri tad-Drugs Squad ma jinficjax l-attendibilita` tal-identifikazzjoni – minn dak li setghet tara din il-Qorti mill-attijiet tal-kumpilazzjoni, ma hemmx xejn x'jindika li dawn kienu diga` gew in kuntatt ma' Melek jew Nilgum, jew li kienu lebsin xi haga li tidentifikahom bhala pulizija. Dan kollu qed jinghad, s'intendi, dejjem suggett ghall-gudizzju finali tal-gurati, wara li jkunu gew debitament indirizzati mill-Imhallef fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkunu rrizultaw waqt il-guri u fid-dawl tal-gurisprudenza *supra*, dwar l-attendibilita` o meno tal-identifikazzjonijiet kollha. U din il-Qorti wkoll ma tirraviza xejn irregolari fil-fatt li fil-kors tal-investigazzjoni taghhom, anzi waqt li Melek u Nilgum kienu qed jigu interrogati, huma gew murija xi ritratti (dawk ezibiti) u dawn indikaw ritratt minnhom bhala tal-persuna (l-akkuzat) li kellhom kuntatt maghha. Il-wiri ta' dawn ir-ritratti ma hux kopert bid-disposizzjoni in dizamina – l-Artikolu 74 tal-Kap. 164. Sakemm dawn ir-ritratti jsegwu l-istess principji ta' ekwilibriju f'dak li juru u ma jkunx hemm insitu fihom, u ma jkunux akkumpanjati bi, xi suggeriment jew influwenza, il-wiri ta' tali ritratti huwa preludju necessarju ghall-parata ta' identita` li tista' tkun mehtiega biex, kif inghad, tigi assodata l-identita` ta' persuna. Kieku kien mod iehor, jigifieri kieku l-ligi kellha tirrikjedi li l-Magistrat ikun presenti anke ghall-wiri ta' tali ritratti fil-kors normali ta' l-investigazzjoni ta' xi reat mill-pulizija, il-procedura investigattiva tincampa.

**vi.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jigu munnufih rimessi quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-proceduri skond il-ligi fil-konfront tal-akkuzat appellant. L-imsemmi Mario Borg ghandu jerga’ jitqieghed fl-istess kondizzjoni li kien fiha, ghal dak li hu helsien mill-arrest, minnufih qabel ma tqieghed fl-izbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------